MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2011

Numru 1291/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond J. Borg)**

**vs**

**CARMEL ZAMMIT**
**RYAN ZAMMIT**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Carmel Zammit ta' 49 sena, bin Carmel u Carmela nee Zammit, imwieled Sliema nhar is-27 ta' Marzu 1958, residenti Flat 9 Juno Triq Dr. C. Juno Pembroke u detentur tal-karta ta' l-identita 227758M

U Ryan Zammit ta' 19 il-sena, bin Carmelo u Pauline nee Zammit, imwieled Pieta nhar is-27 ta' Awissu 1988,

residenti Flat 9 Juno Triq Dr. C. Juno Pembroke u detentur tal-karta ta’ l-identita 419488M

Gew akkuzati:

a) Talli nhar it-8 ta’ Awissu 2007 ghall-habta tas-2.00pm fil-fond Fremond Ltd Triq Spiteri Fremond Qormi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, ghad-detriment tal-kumpanija Fremond Ltd, liema hsara tiskorri il-valur ta’ hames mitt lira Maltija (LM 500) (skond l-Art 325 (1a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta);

b) Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, ikkagunaw griehi ta’ naturi hfief fuq il-persuni ta’ Anthony u Saviour Meli (Kap 9 Art 221)

c) aktar talli fl-istess dati, hin lok u cirkustanzi, bi hsara tas-sid tal-propjeta ta’ Fremond Ltd, ghamlu vjolazzjoni kontra l-propjeta tal-kwerelant (skond l-Art 340 (d) tal-Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta);

d) Aktar talli hebbew ghal persuna ta’ Anthony Meli sabiex jingurjawha, iddejquha jew jaghmlu hsara lil din il-persuna (skond l- Art. 339d tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta);

e) Aktar talli heddew lil Anthony, Saviour, Natalino u Emanuel Meli bi kliem (339e)

f) Aktar talli qalu fil-pubbliku kliem oxxen li jikonsisti f’dagha (338bb)

g) Aktar talli volontarjament kissru l-buon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied. (skond l- Art. 339dd tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Il-qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, tipprovdi skond l-Art. 383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghad-detriment ta’ Anthony, Saviour, Natalino u Emanuel Meli.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok. JB5 u nnutat li l-imputati m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis- Seduta tallum l-imputati iddikjaraw li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammisjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammisjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammisjoni taghhom jew le, l-imputati wiegbu li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Rat fil-konfront taz-zewg imputati l-artikoli 17, 325(1)(a), 221, 340(d), 339(1)(d), 339(1)(e), 338(bb), 342 u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputati Carmel Zammit u Ryan Zammit, fuq ammisjoni, hatja ta' l-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tillibera lill-istess imputati Carmel Zammit u Ryan Zammit taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien (3) snin millum u inoltre tikkundanna lill-imsemmija imputati Carmel Zammit u Ryan Zammit ghall-piena ta' tlieta u ghoxrin Euro (Euro23) ammenda kull wiehed.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputati Carmel Zammit u Ryan Zammit b'obbligazzjoni personali ta' elf Euro (Euro 1000) kull wiehed li jzommu l-kwiet ma' Anthony Meli, Saviour Meli, Natalino Meli u Emanuel Meli u li jzommu il-bonordni pubbliku ma' kulhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputati Carmel Zammit u Ryan Zammit l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------